



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-166/13

Sophie Mukarubega

vs

Préfet de police

u

Préfet de la Seine-Saint-Denis

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-qorti amministrattiva ta' Melun)

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Viżi, ażil, immigrazzjoni, u politiki oħra marbuta mal-moviment liberu tal-persuni — Direttiva 2008/115/KE — Ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu irregolarment — Proċedura ta' adożzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn — Prinċipju ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża — Dritt ta' ċittadin ta' pajjiż terz f'sitwazzjoni irregolari li jinstema' qabel l-adożzjoni ta' deċiżjoni li għandha mnejn taffettwa l-interessi tiegħu — Rifjut tal-amministrazzjoni li tagħti lil ċittadin ta' pajjiż terz f'sitwazzjoni irregolari permess ta' residenza abbażi tal-ażil, akkumpanjat minn obbligu ta' tluq mit-territorju — Dritt għal smiġh qabel ma tingħata d-deċiżjoni ta' ritorn”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-5 ta' Novembru 2014

1. *Drittijiet fundamentali — Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Dritt għal amministrazzjoni tajba — Dritt għal smiġh — Dritt li ma jistax jiġu inforzat kontra l-Istati Membri*

(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; Artikolu 41(2)(a))

2. *Kontrolli fil-fruntieri, ażil u immigrazzjoni — Politika tal-immigrazzjoni — Ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu irregolarment — Ċittadin suġġett għal proċedura ta' ritorn fis-sens tad-Direttiva 2008/115 — Deċiżjoni ta' ritorn wara r-rifjut li jingħata lill-imsemmi ċittadin permess ta' residenza abbażi tal-ażil — Ċittadin li nstema' fil-kuntest tat-talba tiegħu għal ażil — Dritt għal smiġh qabel ma tingħata d-deċiżjoni ta' ritorn — Assenza — Kundizzjonijiet*

(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2008/115, Artikolu 6)

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 43, 44)

2. Id-dritt għal smiġh fil-proċeduri kollha, kif japplika fil-kuntest tad-Direttiva 2008/115, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 6 ta' din, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li awtorità nazzjonali ma tismax iċ-ċittadin ta' pajjiż terz speċifikament fir-rigward ta' deċiżjoni ta' ritorn meta, wara li tkun ikkonstatat in-natura irregolari tar-residenza tiegħu fit-territorju

nazzjonali fi tmiem proċedura li tkun irrispettat b'mod sħiħ id-dritt għal smiġh tiegħu, hija tikkunsidra li tiegħu kontributi tali deċiżjoni, kemm jekk din id-deċiżjoni ta' ritorn tkun tiġi wara rifjut ta' permess ta' residenza, kemm jekk le.

Fil-fatt, peress li d-deċiżjoni ta' ritorn hija marbuta mill-qrib, skont id-Direttiva 2008/115, mal-konstatazzjoni tan-natura irregolari tar-residenza, id-dritt għal smiġh ma jistax jiġi interpretat fis-sens li, meta l-awtorità nazzjonali kompetenti tikkunsidra li tadotta fl-istess waqt deċiżjoni li tikkonstata residenza irregolari u deċiżjoni ta' ritorn, din l-awtorità jkollha neċessarjament tisma' lill-persuna kkonċernata b'mod li tippermettilha tesprimi ruħha speċifikament fuq din id-deċiżjoni msemmija l-aħħar, għaliex din kellha l-possibbiltà tesprimi, b'mod utli u effettiv, il-fehma tagħha fir-rigward tal-irregolarità tar-residenza tagħha u tal-motivi li jistgħu jiġġustifikaw, skont id-dritt nazzjonali, il-fatt li l-imsemmija awtorità ma tadottax deċiżjoni ta' ritorn.

Madankollu, mill-obbligu li tittieħed, fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jinsabu f'sitwazzjoni ta' residenza irregolari fit-territorju tagħhom, deċiżjoni ta' ritorn, mitluba permezz tal-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva, wara proċedura ġusta u trasparenti, jirriżulta li l-Istati Membri għandhom, fil-kuntest tal-awtonomija proċedurali tagħhom, minn naħa, jipprevedu b'mod espliċitu fid-dritt nazzjonali tagħhom l-obbligu ta' tluq mit-territorju fil-każ ta' residenza irregolari u, min-naħa l-oħra, jiżguraw li l-persuna kkonċernata tinstema' b'mod validu fil-kuntest tal-proċedura marbuta mat-talba tagħha għal residenza jew, fejn xieraq, fuq l-irregolarità tar-residenza tagħha. F'dan ir-rigward, id-dritt għal smiġh ma jistax madankollu jiġi strumentalizzat sabiex terġa' tinfetaħ b'mod indefinit il-proċedura amministrattiva u dan sabiex jiġi ppreżervat l-ekwilibriju bejn id-dritt fundamentali tal-persuna kkonċernata għal smiġh qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni li tikkawżalha preġudizzju u l-obbligu tal-Istati Membri li jiġġieldu kontra l-immigrazzjoni illegali.

(ara l-punti 60-62, 71, 82 u d-dispożittiv)